DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1099

tal-1 ta' Awwissu 2018

li temenda l-Anness XI tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE fir-rigward tal-lista tal-laboratorji awtorizzati li jittrattaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2018/136 tal-Kummissjoni fir-rigward tad-denominazzjoni ta' laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea nnominat għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer

(notifikata bid-dokument C(2018) 4987)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer li tirrevoka d-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjoni 89/531/KEE and 91/665/KEE u tammenda d-Direttiva 92/46/KEE [1], b'mod partikolari l-Artikoli 67(2) u 69(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2003/85/KE tistipula l-miżuri minimi ta' kontroll li jridu jiġu applikati fil-każ ta' tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u ċerti miżuri ta' prevenzjoni bl-għan li jrawmu iktar kuxjenza u jżidu t-tħejjija tal-awtoritajiet kompetenti u tal-komunità agrikola fir-rigward ta' dik il-marda.

(2) Il-miżuri ta' prevenzjoni stabbiliti fid-Direttiva 2003/85/KE jinkludu r-rekwiżit li l-laboratorji approvati biss, li huma mniżżla fl-Anness XI ta' dik id-Direttiva, jittrattaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għar-riċerka, għad-dijanjożi u għall-manifatturar tat-tilqimiet.

(3) Il-Parti A tal-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE tagħti l-lista ta' laboratorji nazzjonali awtorizzati li jittrattaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal għanijiet dijanjostiċi u ta' riċerka. Il-Parti B ta' dak l-Anness tagħti lista ta' laboratorji li huma awtorizzati li jittrattaw il-virus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għall-produzzjoni tal-vaċċin u r-riċerka relatata.

In-Netherlands ressqu talba lill-Kummissjoni biex jibdlu l-isem tal-laboratorju nazzjonali tiegħu għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer elenkat fil-Parti A tal-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE għal "Wageningen Bioveterinary Research (WBVR), Lelystad", minħabba bidliet organizzazzjonali.

Il-Belġju ressaq talba lill-Kummissjoni biex jibdel l-isem tal-laboratorju nazzjonali tiegħu għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer elenkat fil-Parti A tal-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE. Il-laboratorju nazzjonali Belġjan għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer, iċ-Ċentru tar-Riċerka Veterinarja u Agrokimika (CODA-CERVA), issa sar parti miċ-ċentru l-ġdid tar-riċerka federali Belġjan, Sciensano, wara l-fużjoni tal-CODA-CERVA u l-Istitut Xjentifiku tas-Saħħa Pubblika (WIV-ISP), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' April 2018. Sciensano ħa f'idejh id-drittijiet u d-dmirijiet kollha tal-predeċessuri tiegħu, inklużi dawk CODA-CERVA.

Il-Greċja ressqet talba lill-Kummissjoni biex tlesti l-isem tal-laboratorju nazzjonali tagħha għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer elenkat fil-Parti A tal-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE, li huwa wkoll responsabbli għad-dijanjosi tal-infezzjonijiet tar-rickettsial.

(4) Il-Pirbright Institute, li jinsab fir-Renju Unit, jipprovdi s-servizzi ta' laboratorju ta' referenza nazzjonali għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer lill-Bulgarija, lill-Kroazja, lill-Estonja, lill-Finlandja, lill-Irlanda, lil-Latvja, lil-Litwanja, lil Malta, lill-Portugall, lis-Slovenja, lill-Iżvezja u lir-Renju Unit, u dan hu elenkat tajjeb fil-Parti A tal-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE. Bħala konsegwenza tan-notifika tar-Renju Unit skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit mhux ser jibqa' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea mit-30 ta' Marzu 2019. Skont l-Artikolu 68(2), il-Pirbright Institute ma jistax jipprovdi s-servizzi ta' laboratorju ta' referenza nazzjonali għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer lill-Bulgarija, lill-Kroazja, lill-Estonja, lill-Finlandja, lill-Irlanda, lil-Latvja, lil-Litwanja, lil Malta, lill-Portugall, lis-Slovenja u lill-Iżvezja wara d-data tad-29 ta' Marzu 2019.

[1] ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1.

(5) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, huwa importanti li l-lista ta' laboratorji nazzjonali għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer stabbilita fil-Parti A tal-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE tinżamm aġġornata. Għalhekk, hemm bżonn li jiġi emendat l-isem tal-laboratorji nazzjonali rispettivi fil-Belġju, fin-Netherlands u fil-Greċja u tiġi indikata d-data tal-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea bħala d-data sa meta l-Pirbright Institute jista' jipprovdi s-servizzi ta' laboratorju ta' referenza nazzjonali għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer lil Stati Membri oħra, u li sa dik id-data Stat Membru ieħor jista' juża s-servizzi tal-Pirbright Institut bħala laboratorju ta' referenza nazzjonali għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer.

(6) Wara bidliet fl-organizzazzjoni li jaffettwaw il-laboratorju awtorizzat li jittratta l-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għall-produzzjoni tat-tilqim elenkati fil-Parti B tal-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE, in-Netherlands ressqu talba lill-Kummissjoni biex jibdlu l-isem ta' dak il-laboratorju li jinsab fit-territorju tiegħu għal "Boehringer Ingelheim Animal Health Netherlands B.V.".

(7) Għalhekk, l-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(8) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/136 ([1]) innominat il-konsorzju ANSES & CODA-CERVA stabbilit mil-Laboratorju tal-Aġenzija għas-Saħħa tal-Annimali tal-Aġenzija għall-Ikel, l-Ambjent u s-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali (ANSES), f'Maisons-Alfort, Franza, u ċ-Ċentru tar-Riċerka Veterinarja u Agrokimika (CODA-CERVA), f'Uccle, il-Belġju bħala l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu indeterminat. Hemm bżonn li tiġi emendata dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, sabiex tirreferi għal Sciensano, minflok għal CODA-CERVA. Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/136 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE huwa sostitwit skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/136 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Il-konsorzju ANSES & CODA-CERVA stabbilit mil-Laboratorju tal-Aġenzija għas-Saħħa tal-Annimali tal-Aġenzija għall-Ikel, l-Ambjent u s-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali (ANSES), f'Maisons-Alfort, Franza, u l-Laboratorju għall-Vajrusijiet Eżotiċi u l-Mard Partikolari taċ-ċentru tar-riċerka federali Sciensano, f'Uccle, il-Belġju, huwa b'dan innominat bħala l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu indeterminat."

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2018.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

([1]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/136 tal-25 ta' Jannar 2018 li tinnomina laboratorju ta' referenza tal-UE għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer u li temenda l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 92/119/KEE f'dak li jirrigwarda l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-marda vexxikulari tal-ħnieżer (ĠU L 24, 27.1.2018, p. 3).

ANNESS

L-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE hu sostwitit b'dan li ġej:

"*ANNESS XI*

PARTI A

Il-laboratorji nazzjonali awtorizzati li jittrattaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer

L-Istat Membru fejn jinsab il-laboratorju		Il-laboratorju	L-Istati Membri li jagħmlu użu mis-servizzi tal-laboratorju
Kodiċi ISO	Isem		
AT	L-Awstrija	Österreichische Agentur für Gesundheit und Ernährungssicherheit Veterinärmedizinische Untersuchungen Mödling	L-Awstrija
BE	Il-Belġju	Il-Laboratorju għall-Vajrusijiet Eżotiċi u l-Mard Partikolari tac-ċentru tar-riċerka federali Sciensano, Uccle	Il-Belġju Il-Lussemburgu
CZ	Ir-Repubblika Ċeka	Státní veterinární ústav Praha, Praha	Ir-Repubblika Ċeka
DE	Il-Ġermanja	Friedrich-Loeffler-Institut Bundesforschungsinstitut für Tiergesundheit, Greifswald — Insel Riems	Il-Ġermanja Is-Slovakkja
DK	Id-Danimarka	Danmarks Tekniske Universitet, Veterinærinstituttet, Afdeling for Virologi, Lindholm L-Università Teknika Daniża, l-Istitut Veterinarju, id-Dipartiment tal-Viroloġija, Lindholm	Id-Danimarka Il-Finlandja L-Iżvezja
EL	Il-Greċja	Διεύθυνση Κτηνιατρικού Κέντρου Αθηνών, Τμήμα Μοριακής Διαγνωστικής, Αφθώδους Πυρετού, Ιολογικών, Ρικετσιακών και Εξωτικών Νοσημάτων, Αγία Παρασκευή Αττικής	Il-Greċja
ES	Spanja	— Laboratorio Central de Sanidad Animal, Algete, Madrid — Centro de Investigación en Sanidad Animal (CISA), Valdeolmos, Madrid;	Spanja
FR	Franza	Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail (ANSES), Laboratoire de santé animale de Maisons-Alfort	Franza
HU	L-Ungerija	Nemzeti Élelmiszerlánc-biztonsági Hivatal, Állategészségügyi Diagnosztikai Igazgatóság (NÉBIH-ÁDI), Budapest	L-Ungerija
IT	L-Italja	Istituto zooprofilattico sperimentale della Lombardia e dell'Emilia-Romagna, Brescia	L-Italja Ċipru
NL	In-Netherlands	Wageningen Bioveterinary Research (WBVR), Lelystad	In-Netherlands
PL	Il-Polonja	Zakład Pryszczycy Państwowego Instytutu Weterynaryjnego – Państwowego Instytutu Badawczego, Zduńska Wola	Il-Polonja

L-Istat Membru fejn jinsab il-laboratorju		Il-laboratorju	L-Istati Membri li jagħmlu użu mis-servizzi tal-laboratorju
Kodiċi ISO	Isem		
RO	Ir-Rumanija	Institutul de Diagnostic și Sănătate Animală, București	Ir-Rumanija
IR-RENJU UNIT	Ir-Renju Unit	The Pirbright Institute	Ir-Renju Unit Il-Bulgarija (1) Il-Kroazja (1) L-Estonja (1) Il-Finlandja (1) L-Irlanda (1) Il-Latvja (1) Il-Litwanja (1) Malta (1) Il-Portugall (1) Is-Slovenja (1) L-Iżvezja (1)

(1) L-użu ta' servizzi skont l-Artikolu 68(2) sad-29 ta' Marzu 2019.

PARTI B

Il-laboratorji awtorizzati li jittrattaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għall-produzzjoni tat-tilqimiet

L-Istat Membru fejn jinsab il-laboratorju		Il-laboratorju
Kodiċi ISO	Isem	
DE	Il-Ġermanja	Intervet International GmbH/MSD Animal Health, Köln
NL	In-Netherlands	Boehringer-Ingelheim Animal Health Netherlands BV, Lelystad
IR-RENJU UNIT	Ir-Renju Unit	Merial, S.A.S., Pirbright Laboratory, Pirbright (1)

(1) Applikabbli sad-29 ta' Marzu 2019"